

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Spejjeż](#) > Finland

Spejjeż

Finlandja

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji fil-Finlandja.

Il-kontenut ipprovdut
minn
Finlandja



Qafas regolatorju li jirregola d-drittijiet tal-professjonijiet legali

Barristers (inklużi s-solicitors u l-avukati)

Fil-Finlandja, id-drittijiet tal-barristers jiġu rregolati mir-Regoli tal-Kondotta Professionali Xierqa għall-Avukati u mil-Linja Gwida dwar id-Drittijiet, approvata mill-Assoċjazzjoni tal-Avukati Finlandiża.

Marixxalli

Fil-Finlandja, id-drittijiet tal-marixxalli jiġu rregolati mid-Digriet tal-Gvern 925/2008, mill-Att dwar l-Infurzar tad-Drittijiet (34/1995) u mid-Digriet tal-Gvern 35/1995.

Avukati

Fil-Finlandja, id-drittijiet tal-avukati jiġu rregolati mill-Kodiċi tal-Kummerċ 18:5, mill-Att dwar l-Għajnuna Legali (257/2002) u mid-Digriet tal-Gvern 290/2008.

Spejjeż fissi

Spejjeż fissi fi proċedimenti ċivili

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti ċivili

Fil-Finlandja, l-ispejjeż fissi jinkludu l-ħlasijiet għall-ipproċessar u l-ħlasijiet għad-dokumenti. Il-ħlasijiet għall-ipproċessar (ħlasijiet għall-proċessi, l-ħlasijiet għall-petizzjonijiet, l-ħlasijiet għall-konsenja) jinġabru mingħand parti bħala kumpens għas-smiġħ ta' kawża u għall-miżuri li jittieħdu fil-proċess. Il-ħlas għall-ipproċessar ikopri anki l-konsenja tal-istrument uffiċjali li jinkludi d-deċiżjoni jew id-deċiżjoni *interim* fil-kawża. Il-ħlas għall-proċessi jvarja bejn €79 fi kwistjonijiet ċivili fil-qorti distrettwali u €223 f'kawżi quddiem il-qorti tas-swieq.

Il-ħlasijiet għad-dokumenti (ħlasijiet għas-siltiet, l-ħlasijiet għall-kopji, l-ħlasijiet għaċ-ċertifikati) jinġabru għal dokumenti li jintalbu speċifikament, sakemm ma jkunx hemm fis-seħħ eżenzjoni statutorja mill-ħlasijiet. Pereżempju, m'hemm l-ebda ħlas għad-dokumenti li jinħarġu lill-parti leża f'kawża kriminali mmexxija mill-prosekutur pubbliku.

Id-dettalji dwar l-ispejjeż huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ġustizzja u fl-Att dwar il-ħlasijiet tal-Qrati (l-Att dwar il-ħlasijiet għall-Prestazzjonijiet tal-Qrati u ta' Ċerti Organi tal-Amministrazzjoni Ġudizzjarja 701/1993) u d-Digriet korrispondenti tal-Kunsill tal-Istat.

F'kawżi ta' divorzju, il-ħlas totali għall-proċessi jikkonsisti fi ħlas inizjali ta' €79 u ħlas ta' €44 għal proċedimenti li jkomplu wara l-perjodu ta' rikunsiderazzjoni. L-assistenza ta' avukat tista' tqum madwar €1000. Fi kwistjonijiet li jinvolvu petizzjonijiet, il-ħlas huwa ta' €72. F'kawżi skont il-liġi ċivili, il-ħlas għall-proċessi jkun ta' bejn €79 u €179 fil-qorti distrettwali u €179 oħra jekk jitressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell. L-ispejjeż tal-avukati

jistgħu jitolgħu, u anki jaqbu, s-€6000.

L-istadju tal-proċediment ċivili fejn iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi għall-partijiet

L-ispejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti ċivili jridu jitħallsu fi tmiem il-proċedimenti.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kriminali

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kriminali

Fil-Finlandja, il-partijiet ma jħallsu l-ebda spiża fil-kawżi kriminali mmexxija mill-prosekutur pubbliku fil-qorti tal-prim'istanza.

L-istadju tal-proċediment kriminali fejn iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

L-ispejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kriminali jridu jitħallsu fi tmiem il-proċedimenti.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kostituzzjonali

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kostituzzjonali

Fil-Finlandja m'hemmx qrati kostituzzjonali; il-kawżi rilevanti jsiru bħala proċedimenti kriminali. Il-partijiet ma jkollhomx spejjeż fil-kawżi kriminali mmexxija mill-prosekutur pubbliku fil-qorti tal-prim'istanza.

L-istadju tal-proċediment kostituzzjonali fejn iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

L-ispejjeż iridu jitħallsu fi tmiem il-proċedimenti.

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn qabel mir-rappreżentanti legali

Drittijiet u obbligi tal-partijiet

Ir-rappreżentanti legali jridu jipprovdu xi informazzjoni minn qabel lill-partijiet għal kawża potenzjali, sabiex dawn jifhmu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, il-probabbiltajiet li għandhom li jirbħu l-kawża u l-ispejjeż involuti – inklużi dawk li probabbilment tbatu l-parti li tiffet. Dan huwa rregolat mill-[Kodiċi tal-Kondotta](#) tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Finlandiża. *Barrister* huwa obbligat bil-liġi li jżomm il-kunfidenzjalità tal-klijent.

Sorsi tal-ispejjeż

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fil-Finlandja?

Informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż hija disponibbli fis-sit elettroniku tal-[Ministeru tal-Ġustizzja](#).

B'liema ilsna nista' nikseb informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fil-Finlandja?

L-informazzjoni hija disponibbli bil-Finlandiż, bl-Iżvediż u bl-Ingliż.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medjazzjoni?

Informazzjoni dwar il-medjazzjoni hija disponibbli fis-siti elettroniċi tal-[Ministeru tal-Ġustizzja](#) u tal-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa u tal-Benesseri.

Fejn nista' nsib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż?

Sit elettroniku disponibbli dwar informazzjoni dwar l-ispejjeż

Informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż u l-ħlasijiet tal-proċedimenti fil-qorti hija disponibbli mingħajr ħlas fis-sit web tal-[Ministeru tal-Ġustizzja Finlandiż](#).

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju li jieħdu l-proċeduri differenti?

Informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju hija disponibbli fid-"Deskrizzjoni Ġenerali" tal-attivitajiet fis-sit elettroniku tal-[Ministeru tal-Ġustizzja](#).

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar l-ispiża medja aggregata għal proċedura partikolari?

Informazzjoni dwar l-ispiża medja aggregata għal proċediment hija disponibbli fis-sit elettroniku tal-[Ġustizzja](#) tal-Ġudikatura Finlandiża.

Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Kif inhi pprovduta din l-informazzjoni

L-informazzjoni hija disponibbli fis-sit elettroniku tal-[Ministeru tal-Ġustizzja](#). Skont il-Linja Gwida dwar il-Ħlasijiet tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Finlandiża, stima tal-ħlas għal biċċa xogħol partikolari għal konsumatur trid tingħata bil-VAT inkluża.

X'inhuma r-rati applikabbli?

Is-servizzi legali huma suġġetti għal VAT ta' 22 fil-mija. Il-ħlasijiet tal-għajnuna legali, madankollu, mhumiex suġġetti għall-VAT.

Għajnuna Legali

Limitu applikabbli għad-dħul fil-qasam tal-ġustizzja ċivili

Il-limitu għad-dħul jiġi kkalkulat skont formula stabbilita. B'mod ġenerali, tingħata għajnuna legali mingħajr ħlas meta l-mezzi disponibbli tal-applikanti jkunu ta' inqas minn €700 fix-xahar għal persuni mhux miżżewġa. Tista' tingħata wkoll soġġetta għal tnaqqis progressiv meta l-mezzi disponibbli ta' applikant ikunu bejn €700 u €1500. Applikant ma jistax jingħata l-għajnuna legali meta l-mezzi disponibbli tiegħu jaqbżu l-€1500 fix-xahar. Il-figuri korrispondenti għal kull konjuġi huma ta' €600 u €1300.

Ħlas għall-għajnuna legali ta' €70 jinġabar mingħand l-applikanti li jingħataw l-għajnuna legali bi skambju għal eċċess. Barra minn hekk, jekk l-assi likwidi tal-applikant jaqbżu l-€5000, jinġabar eċċess addizzjonali.

Limitu applikabbli għad-dħul fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-akkużati

Il-limitu għad-dħul jiġi kkalkulat permezz ta' formula speċifika. B'mod ġenerali, l-għajnuna legali mingħajr ħlas tingħata meta l-mezzi disponibbli tal-applikant ikunu inqas minn €700 fix-xahar għall-persuni mhux miżżewġa. Tista' tingħata wkoll soġġetta għal riduzzjoni progressiva meta l-mezzi disponibbli ta' applikant ikunu bejn €700 u €1500. Applikant ma jistax jikseb l-għajnuna legali meta l-mezzi disponibbli tiegħu jaqbżu l-€1500 fix-xahar. Il-figuri korrispondenti għal kull konjuġi huma ta' €600 u €1300. Fis-sit web tal-[Ġustizzja](#) tingħata iktar informazzjoni. Ħlas għall-għajnuna legali ta' €70 jinġabar mingħand l-applikanti li jingħataw l-għajnuna legali soġġetta għal tnaqqis progressiv. Barra minn hekk, jekk l-assi likwidi tal-applikant jaqbżu l-€5000, jinġabar tnaqqis supplimentari.

Minbarra dak li ngħad iktar 'il fuq, l-akkużati huma intitolati għal difensur pubbliku irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom jekk jiġu akkużati b'reat aggravat jew jekk jiġu arrestati jew miżmuma. Il-qorti, fuq inizjattiva tagħha, tista' anki taħtar difensur pubbliku għal persuna li jkollha inqas minn 18-il sena, jew għal persuna li ma tkunx kapaċi taħseb għad-difiża tagħha. Jekk, però, l-akkużat jinstab ħati, huwa jrid jirrifondi lill-Istat il-ħlas għad-difensur pubbliku, sakemm ma kienx ikun intolat għall-għajnuna legali. F'dan il-każ, ir-responsabbiltà tal-akkużat li jħallas tiġi ddeterminata skont ir-regoli tal-għajnuna legali.

Limitu applikabbli għad-dħul fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-vittmi

Il-vittmi ta' ċerti reati aggravati, bħall-vjolenza domestika jew ir-reati sesswali, huma intitolati għal avukat u għal persuna li tagħtihom appoġġ, irrispettivament mis-sitwazzjonijiet finanzjarji tagħhom.

Barra minn hekk, il-vittmi jistgħu jiksbu għajna legali skont il-kriterji komuni: b'mod ġenerali, l-għajna legali hija disponibbli mingħajr flus meta l-mezzi disponibbli tal-applikant ikunu ta' inqas minn €700 fix-xahar għall-persuni mhux miżżewġa. Tista' tinkiseb ukoll soġġetta għal riduzzjoni progressiva meta l-mezzi disponibbli ta' applikant ikunu bejn €700 u €1500. Applikant ma jistax jikseb l-għajna legali meta l-mezzi disponibbli tiegħu jaqbzū l-€1500 fix-xahar. Il-figuri korrispondenti għal kull konjuġi huma ta' €600 u €1300. Flus għall-għajna legali ta' €70 jinġabar mingħand l-applikanti li jingħataw l-għajna legali soġġetta għal riduzzjoni progressiva. Barra minn hekk, jekk l-assi likwidi tal-applikant jaqbzū l-€5000, tinġabar riduzzjoni supplimentari.

Kundizzjonijiet oħrajn sabiex tingħata l-għajna legali għall-vittmi

L-applikazzjoni għall-għajna legali għandha dejjem issir f'Uffiċċju tal-Għajna Legali Pubblika. L-applikazzjoni tista' ssir fi kwalunkwe wieħed mill-Uffiċċji tal-Għajna Legali Pubblika fil-pajjiż, irrispettivament minn fejn joqgħod l-applikant. Ta' spiss ikun konvenjenti li l-applikazzjoni tiġi ppreżentata fl-eqreb uffiċċju.

L-applikant irid jippreżenta evidenza dwar iċ-ċirkustanzi finanzjarji tiegħu, flimkien ma' informazzjoni dwar kwalunkwe assigurazzjoni għall-ispejjeż legali u dwar il-kwistjoni li għaliha qed tintalab l-għajna legali.

L-applikazzjoni tiġi ppreżentata fl-Uffiċċju tal-Għajna Legali jew b'mod orali jew bil-miktub, u d-dokumentazzjoni meħtieġa trid tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Il-formola tal-applikazzjoni u d-dokumenti mehmuża jistgħu jintbagħtu wkoll lill-Uffiċċju tal-Għajna Legali uffiċjali bil-posta, bil-faks jew bil-posta elettronika (e-mail).

Il-formola tal-applikazzjoni hija disponibbli mill-paġna tal-Formola tal-Aplikazzjoni għall-Għajna Legali; hija wkoll disponibbli mill-Uffiċċji tal-Għajna Legali Pubblika, mill-qrati tal-ġustizzja u mid-ditti tal-avukati.

Jekk applikant jixtieq li jkun assistit minn avukat privat fi kwistjoni quddiem qorti, l-avukat jista' jippreżenta l-applikazzjoni għall-għajna legali.

Jekk persuna ssir vittma ta' vjolenza domestika jew ta' reat sesswali, il-qorti tista' taħtar avukat jew persuna li tagħti appoġġ għall-vittma - għall-finijiet tal-investigazzjoni ta' qabel il-proċess u tal-proċess. Jekk il-vittma tixtieq tagħmel talba waqt il-proċess, il-qorti għandha taħtar avukat. Jekk il-vittma ma jkollha l-ebda talba x'tagħmel, tista' tinħatar persuna biex tagħtiha appoġġ.

Kif ingħad iktar 'il fuq, difensur pubbliku jinħatar, jekk jintalab, għal persuna suspettata għal reat aggravat u għal persuna li tkun ġiet arrestata jew miżmuma. Il-qorti, fuq inizjattiva tagħha, tista' taħtar difensur pubbliku għal persuna li jkollha inqas minn 18-il sena u għal persuna li ma tkunx kapaċi taħseb għad-difiża tagħha.

Proċedimenti tal-qorti mingħajr spejjeż

Benefiċjarju tal-għajna legali ma jkunx responsabbli għall-flusijiet.

Barra minn hekk, bil-liġi, ċerti kwistjonijiet (l-Att dwar il-Flusijiet 701/1993, Artikoli 6 u 7) huma mingħajr flus. Fost l-oħrajn insibu l-aġġustament tad-djun ta' individwi privati u l-kawżi kriminali mmexxija mill-prosekutur pubbliku fl-ewwel istanza. L-awtoritajiet u ċ-ċittadini barranin jista' jkollhom proċedimenti mingħajr spejjeż f'każijiet ta' assistenza legali reċiproka.

Meta għandha l-parti li tiflew tħallas lill-parti li tirbaħ?

Bħala regola ġenerali, l-ispejjeż fil-kawżi tal-ġustizzja ċivili tbatihom il-parti li tiflew (l-eċċezzjonijiet jinkludu kwistjonijiet li jinvolvu petizzjonijiet u dispożizzjonijiet imperattivi tal-liġi, bħal bosta kwistjonijiet tal-liġi tal-familja). Fil-qrati amministrattivi, kull parti għandha tbatil l-ispejjeż tagħha. Is-sentenza tal-qorti se tiddikjara jekk il-parti li tiflew tkunx meħtieġa tħallas l-ispejjeż tal-parti li tirbaħ.

Drittijiet tal-esperti

Id-drittijiet tal-esperti jiġu deċiżi mill-qorti. M'hemm l-ebda limitu fiss għal dawn id-drittijiet, għalkemm iridu jkun raġonevoli.

Drittijiet tat-tradutturi u tal-interpreti

Id-drittijiet tat-tradutturi u tal-interpreti jkunu deċiżi mill-qorti. M'hemm l-ebda limitu fiss għal dawn id-drittijiet, sakemm ikunu raġonevoli. Id-dritt medju ta' traduttur huwa ta' €80 il-paġna. Parti tkun eżentata minn dawn id-drittijiet jekk tkun ingħatat l-għajnuna legali.

Links relatati

[Sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja Finlandiż](#)

[Sit elettroniku tal-Ġudikatura Finlandiża](#)

[Sit elettroniku tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Finlandiża](#)

Dokumenti relatati

[Rapport tal-Finlandja rigward l-Istudju dwar it-Trasparenza tal-Ispejjeż](#)  (504 Kb) 

■ L-aħħar aġġornament: 19/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.